MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 131/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**Vs**

**Mario Camilleri u Tracy Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u disghajn centezmu (Lm429.92), hlas ta' tmien (8) kambjali li mmaturaw bejn Lulju 2000 u Novembru 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehru ghas-seduti.

Ra li l-konvenuta dehret fis-seduta tal-lum u ammettiet it-talba b'dan li ddikjarat li kienet ser thallas id-dejn permezz ta' pagamenti ta' mitt lira Maltija (Lm100) kull xahar.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbgha mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u disghajn centezmu (Lm429.92), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------